MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tat-2 ta' Gunju, 2010

Numru. 48/2009

**Il-Pulizija**
**(Spettur Sandra Zammit)**

**vs**

**Joseph Bartolo ta' 59 sena iben Fidiel u Saverja nee' Seychell imwieled l-Gudja fis-27 ta' Mejju 1950 u residenti gewwa No.2ª, Triq it-Tigrija, Marsa detentur tal-karta ta'l-identita' 498650(M)**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat Joseph Bartolo li permezz taghha huwa gie akkuzat talli fis-16 ta' Dicembru 2008 bejn il-11:30a.m. u l-12:00p.m. gewwa Triq l-Imdina, Qormi qabad arma tan-nar kontra David Pace u Carmel Pace.

U aktar talli fl-istess data bejn it-3:00p.m. u it-3:30p.m. gewwa No.2A Triq it-Tigrija, Marsa zamm fl-imsemmi

fond jew kellu fil-pussess tieghu, taht il-kontroll tieghu jew garr barra minn xi fond jew fid-dintorni tieghu arma tan-nar minaghjr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija.

Rat id-dokumenti esebiti.

Semghet il-provi.

Rat il-kunsens ta'l-Avukat Generali tal-21 ta' Jannar 2009 sabiex dan il-kaz jigi trattat u.deciz bil-procedura sommarja.

Ikkunsidrat,

Illi l-Qorti tibda biex tosserva illi l-akkuzi migjuba fil-konfront ta'l-imputat huma akkuzi li jaqghu fil-kompetenza originali tal-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti tal-Gudikatura Kriminali peress illi l-ewwel akkuza hija wahda ta' natura kontravenzjonali filwaqt illi it-tieni akkuza hija ikkontemplata fil-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta, akkuza wkoll li taqa' taht l-istess kompetenza.

Kif diga inghad, l-ewwel akkuza migjuba fil-konfront tal-imputat hija akkuza ta' natura kontravenzjonali u cioe' dik prevista fl-artikolu 339(1)(b) li jiddisponi testwalment:

***"Huwa hati ta' kontravvenzjoni kontra l-persuna, kull min minghajr ma jidrob jew isawwat, ihedded bil-gebel jew bi hwejjeg ohra iebsin, jew iwaddabhom, jew jaqbad armi kontra in-nies."***

Illi mill-provi akkwiziti f'dina l-kawza jirrizulta illi l-incident kollu sehh gewwa Triq l-Imdina, Hal Qormi. L-incident sehh filwaqt illi l-partijiet involuti kienu qeghdin fil-vetturi taghhom isuqu fl-istess direzzjoni. L-imputat kien qieghed isuq van Isuzu b'kabina fuq wara, filwaqt illi David Pace, li kien akkumpanjat minn missieru Carmel Pace, kien qieghed isuq trukk ta'l-iscamel Greenline. David Pace jallega illi f'hin minnhom l-imputat rassu bil-vettura tieghu tant li gew tieqa ma' tieqa', l-imputat beda ighidlu xi diskors li huwa ma setax jifhem peress illi kellu il-hgiega

tal-vettura tieghu mghollija, u f’dana il-mument huwa hareg arma li kienet qisha psitola zghira kulur sewdieni u ippuntaha fid-direzzjoni tieghu. Huwa imbaghad baqa’ isuq u mar jirraporta dana l-fatt lill-pulizija. Abbazi ta’ dana ir-rapport il-pulizija irrintraccjaw lill-imputat li gie interrogat u anke saru tfittxijiet kemm fil-vettura tieghu, kif ukoll fir-residenza tieghu. It-tfittxija fil-vettura irrizultat fin-negattiv, filwaqt li mir-residenza tieghu giet elevata arma tan-nar cioe’ senter tal-ghamla Zabala, liema senter kien skargat. Ma instabu l-ebda skratac. Minn investigazzjoni ulterjuri irrizulta illi l-ahhar darba illi l-imputat hallas ghal licenzja ta’ dina l-arma kien fis-sena 2003.

Illi min-naha tieghu l-imputat, ghalkemm jammetti illi fil-gurnata u fil-hin in kwistjoni huwa fil-fatt kien gewwa Imdina Road, Hal Qormi bil-vettura tieghu tal-ghamla Isuzu u li fil-fatt iltaqa ma’ David Pace, madanakollu jichad illi huwa rass lill-istess Pace bil-vettura tieghu u illi ipponta xi arma tan-nar fid-direzzjoni tieghu. Isostni illi kien fil-fatt David Pace li beda irossu bl-iscamel u mhux vice-versa. Ighid illi huwa ghamillu sinjal sabiex ma jibqax irossu w imbaghad saq ‘l hemm.

Illi huwa fatt mhux ikkontestat illi bejn l-imputat u dana Pace hemm xi kwistjonijiet pendenti tant illi jidher minn dak li jixhdu it-tnejn li huma illi hemm xi proceduri ohra pendenti il-Qorti bejniethom. Illi l-Qorti ghalhekk fid-dawl tal-provi li hemm fl-atti ma tistax tasal ghal htija fil-konfront ta’l-imputat u dana ghaliex hemm kunflitt lampanti fix-xhieda prodotti. Dana qed jinghad ghas-segwenti ragunijiet:

1. Illi David Pace jikkontendi illi l-imputat rassu bil-vettura tieghu, gew tieqa ma’ tieqa, l-imputat qallu xi diskors li huwa ma setax jifhem, imbaghad ipponta dina l-pistola sewda fid-direzzjoni tieghu. Illi David Pace kien qieghed isuq scamel filwaqt illi l-imputat kien qieghed isuq vann tal-ghamla Isuzu.[1] Illi l-imputat isostni illi bhala gholi, l-iscamel huwa oghla mid-daqs tal-vann tieghu u ghalhekk

---

[1] A fol.35, David Pace isostni: “Mela nghid illi huwa gie tieqa ma’ tieqa’ u wrieni l-arma tan-nar. Nghid illi huwa beda jurihieli din l-arma tan-nar u jippuntaha lejn id-direzzjoni tieghi.”

kien impossibbli illi jigu tieqa ma' tieqa. Il-Qorti hawnhekk taghtih ragun u dana ghaliex certament bejn iz-zewg vetturi hemm dizlivell. Inoltre l-imputat qatt ma seta' bit-tieqa tieghu jigi vicin it-tieqa tan-naha ta' Pace ghaliex jirrizulta illi l-imputat kien qed isuq il-vettua tieghu u David Pace kien is-sewwieq ukoll fil-vettura tieghu.

2. Illi flimkien ma' David Pace kien hemm missieru Carmel Pace li jikkonferma illi ra lill-imputat bil-pistola f'idejh. Izda l-verzjoni tal-fatti moghtija minn Carmel Pace ma' taqbilx ma' dik ta' ibnu, ghaliex filwaqt illi David Pace ighid illi l-imputat rassu bil-vann u baqa' sejjer, Carmel Pace izid ighid illi l-imputat mhux biss rasshom bil-vann tieghu izda sahansitra irriversja wkoll ghal fuqhom.[2] Illi David Pace imkien ma ighid dana id-diskors.

3. Illi ghakemm David Pace u missieru Carmel isostnu illi l-imputat ipponta dina il-pistola zghira kulur iswed fid-direzzjoni taghhom, madanakollu mit-tfittxijiet maghmula mill-pulizija, dina l-arma tan-nar baqghet ma instabitx, la fil-vettura ta'l-imputat u lanqas fir-residenza tieghu. Fil-fatt il-PC1597 Alfred Chetcuti fix-xhieda tieghu ighid illi apparti ix-shotgun tal-ghamla Zabala li instab fir-residenza ta'l-imputat u li gie esebit fl-atti tal-kawza[3], "ma sibtx l-ebda skratac jew munizzjon iehor fit-tfittxija. Lanqas sibt skratac ohra fejn elevajniha. Lanqas kien hemm skratac fuq il-persuna ta'l-imputat."

4. Illi l-imputat jichad dana kollu u isostni illi huwa qatt ma kellu l-ebda pistola fil-pussess tieghu, illi kien David Pace li rassu bl-iscamel tieghu. Ighid illi huwa ghamel sinjal lil Pace biex ma jkomplix irossu u saq minn fuq il-post.

Illi ghalhekk minn dana kollu jirrizulta kunflitt fil-provi prodotti billi l-verzjoni moghtija minn David u Carmel Pace u mill-imputat hija wahda konfliggenti. Inoltre anke il-provi cirkostanzjali jimmiltaw favur l-imputat u l-Qorti ma ghandha l-ebda prova ohra fl-atti tal-kawza li b'xi mod tissostanzja l-verzjoni tal-parti leza.

---

[2] Aara xhieda a fol.38 ta' Carmel Pace: "Nghid illi baqa' irossna, bqajna nezlin 'il isfel u baqa' irossna u kien hemm mumenti meta anek beda jipprova jirriversja ghal fuqna … Nghid illi ahna bqajna insuqu sakemm fl-ahhar irnexxielna niskapulawh."

[3] Dokument AC..

Ikkunsidrat,

Illi fir-rigward tat-tieni akkuza migjuba fil-konfront ta'l-imputat, ghalkemm dina tirreferi ghal gurnata w hin specifiku, madanakollu mill-provi akkwizti u anke minn ammissjoni ta'l-imputat stess, jirrizulta illi l-ahhar darba illi l-imputat hallas licenzja ghaz-zamma ta'l-arma tan-nar tal-ghamla Zabala numru 232219 kien fis-sena 2003. Illi d-difiza issostni illi l-imputat ghandu licenzja ghaz-zamma ta'l-arma tan-nar, liema licenzja madanakollu ma gietx imgedda minnu. Il-Qorti ma taqbilx ma' dina l-linja difenzjonali. Fil-fatt l-artikolu 31 tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta jiddisponi testwalment:

***"Kemm-il darba ma jissemmiex xort'ohra x'imkien iehor f'dan l-Att, kull licenzja li tinghata mill-Kummissarju taht dan l-Att tkun valida ghal perjodu ta' mhux aktar minn tnax-il xahar li jibdew ghaddejin mill-ewwel gurnata ta' Jannar tas-sena li fiha tinhareg u tiskadi fil-31 ta' Dicembru ta' dik is-sena."***

Kwindi fil-gurnata in kwistjoni l-licenzja f'isem l-imputat kienet skadiet u allura huwa ma kellux licenzja ghaz-zamma ta'l-arma tan-nar in kwistjoni[4] u ghalhekk it-tieni akkuza tirrizulta ippruvata.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikoli 5 u il-proviso ta'l-artikolu 51(2) tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta, filwaqt li tillibera lill-imputat mill-ewwel akkuza migjuba fil-konfront tieghu, issibu hati tat-tieni akkuza u tikkundannah multa ta' seba mitt ewro (€700).

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------

[4] Ara xhieda WPS132 Rita Conti u id-dokumenti SC1 u SC2 a fol.32 u 33